# LILL-KAV ĠUŻE' GALEA

Togħġobni, nħobbok: għaliex int għalija
alla tal-għaqal mibgħut fl-art mill-Ġid.
Hemm bejn l-Għaqal u l-Ġid demm ta' qrubija:
Dawn minn dejjem imxew flimkien, id f'id.

Inti wieħed mill-ftit, wieħed fil-mija:
fik tal-**bhima** żammejt ir-**raġel** sid;
fik m'għajjeb qatt il-għerf tat-tjieba d-dija;
fik hemm ħlewwa li tħoll qlub tal-ħadid.

B'duwet il-ġisem sfajt tabib tas-saħħa;
b'duwet il-għerf tabib tal-moħħ u l-qalb:
kittieb ta' Malta wil-ġrajjiet kbar tagħha.

Kliemek sieket meqjus u ħsiebek għoli
jixhdu qawwet il-qima umli tat-talb;
jixhdu għerfek "San Ġwann", "Żmien l-Ispanjoli".

Għajn Żnuber
14.III.44

K. VASSALLO